

Brussell, 21 ta' Mejju 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0113(COD)

9447/1/19
REV 1

TRANS 349
CODEC 1113

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/ Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9140/19
Nru dok. Cion:	ST 9669/17 + ADD 1-4
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha biex temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr sewwieqa għat-trasport ta' merkanzija bit-triq f'Mejju 2017. Il-proposta hija parti mill-ewwel pakkett dwar il-mobilità u hija marbuta mal-infurzar propost tar-regoli dwar l-aċċess għall-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u l-aċċess għas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (Regolamenti 1071/2009 u 1072/2009).
2. Id-Direttiva 2006/1/KE tikkodifika r-regoli preċedenti u tipprevedi livell minimu ta' ftuħ tas-suq għall-użu ta' vetturi mikrija mingħajr sewwieqa għat-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Istati Membri, kemm għall-impriżi stabbiliti fit-territorji tagħhom u kemm għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

Madankollu, id-Direttiva:

- tippermetti lil Stat Membru li jirrestrinġi l-użu ta' vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fit-territorju tiegħu għal dawk li huma rreġistrati fl-Istat Membru, u barra minn hekk tippermetti li tipprojbixxi l-użu ta' vetturi mikrija b'massa mgħobbija totali permissibbli ta' aktar minn sitt tunnellati għal operazzjonijiet proprji ta' trasport;
 - hi limitata, fir-rigward ta' impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor, għall-kiri ta' vetturi rreġistrati f'dak l-istess Stat Membru għall-iskop ta' traffiku bejn l-Istati Membri.
3. Il-Kummissjoni tipproponi li tiġi emendata d-Direttiva 2006/1/KE prinċipalment biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet eżistenti u jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi u ċar, fejn l-operaturi tat-trasport fl-UE kollha jingħataw aċċess indaqs għas-suq għall-vetturi mikrija.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

4. Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Cláudia Monteiro de Aguiar (PPE, PT) bħala rapporteur. Il-Kumitat TRAN ivvota dwar ir-rapport tagħha fl-24 ta' Mejju 2018, u l-Parlament Ewropew adotta qbil fl-ewwel qari tiegħu, li fih 15-il emenda, fil-15 ta' Jannar 2019¹.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni adottaw l-opinjonijiet tagħhom fis-6 ta' Diċembru 2017 u fl-1 ta' Frar 2018, rispettivament.

III. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

6. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha, flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt, lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fl-1 u fil-21 ta' Ġunju 2017. Il-grupp ta' ħidma ltaqa' fis-7 ta' Lulju, fil-11 ta' Ottubru u fis-6 ta' Novembru 2017 taħt il-Presidenza Estonjana, u fis-26 ta' Frar, fl-20 ta' Marzu u fl-24 ta' April 2018 taħt il-Presidenza Bulgara biex janalizza l-proposta fid-dettall u biex jiddiskuti kompromessi tal-Presidenza. L-ewwel tentattiv biex jintlaħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill TTE fis-7 ta' Ġunju 2018 ma rnexxiex.

¹ Ara dokument 5386/19.

7. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art irritorna għall-proposta taħt il-Presidenza Rumena, jiġifieri fl-14, fl-21 u fit-28 ta' Jannar, fl-4 ta' April, u fit-2 ta' Mejju 2019, sabiex jiddiskuti kompromess tal-Presidenza; l-aħħar verżjoni hija annessa hawnhekk. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet ġeneralment irrikonoxxew il-progress tajjeb li sar fuq il-proposta, u xi wħud minnhom issottolinjaw li l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali tippermetti li dan il-fajl jiġi ttrattat b'mod parallel mal-fajls relatati tal-ewwel pakkett ta mobilità, ladarba jibded in-negozjati mal-Parlament Ewropew. Żewġ delegazzjonijiet żammew il-valutazzjoni negattiva mhux mibdula tagħhom tal-proposta. Il-Kummissjoni żammet riżerva ġenerali dwar l-eżitu tan-negozjati.
8. Filwaqt li bosta delegazzjonijiet baqgħu mħassba dwar l-impatt tal-proposta fuq id-dħul mit-taxxa fuq il-vetturi, ħafna minnhom irrikonoxxew li l-kompromess tal-Presidenza jippermetti lill-Istati Membri jillimitaw il-biċċa l-kbira tar-riskju (Artikolu 1(2) - jissostitwixxi l-Artikolu 3 tad-Direttiva - ; premissi 3 u 4). Delegazzjoni waħda qieset li r-regoli nazzjonali tar-reġistrazzjoni tal-vetturi jistgħu jiddgħajfu bl-introduzzjoni ta' aktar libertà fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi mikrija, u delegazzjoni oħra kienet teħtieġ li tkompli tiskrutinizza l-proposta fid-dawl tal-liġijiet nazzjonali adottati reċentement.
9. Fir-rigward tal-użu transkonfinali ta' vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor (Artikolu 1(1) - li jemenda l-Artikolu 2 tad-Direttiva -; premessa 4a), il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet setgħu jaċċettaw il-flessibilità mkabbra. Ħafna delegazzjonijiet issottolinjaw l-importanza ta' miżuri effettivi ta' kontroll f'dan il-każ, b'mod partikolari biex jimmonitorjaw attivitajiet ta' kabotaġġ. F'dan ir-rigward, l-użu tas-sistema ERRU² (Artikolu 1(2a) - żieda ġdida tal-Artikolu 3a fid-Direttiva -; il-premissi 5b u 5c) dehru raġonevoli għall-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet, għalkemm uħud minnhom qiesu li dan kien wisq ta' piż jew mhux effettiv biżżejjed. Bosta delegazzjonijiet issottolinjaw li s-sistema ERRU kienet ser tirċievi aġġornament aktar sħiħ ladarba l-bidliet għar-Regolament 1071/2009 fil-pakkett ta' mobilità I jiġu adottati, u argumentaw għal ħin ikkoordinat tal-aġġornamenti rispettivi.

² Ir-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq, sistema biex tassigura l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 16(5) u (6) tar-Regolament 1071/2009.

10. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddiskuta l-kompromess fil-15 ta' Mejju 2019. Minn naħa, ħafna delegazzjonijiet esprimew appoġġ għall-kompromess, minkejja ċerti riskji li fadal, pereżempju rigward id-dħul mit-taxxa u l-kontroll tal-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq imwettqa fi Stati Membri oħra. Min-naħa l-oħra, numru konsiderevoli ta' delegazzjonijiet esprimew dubji dwar jekk approċċ ġenerali jistax jinkiseb diġà f'Ġunju 2019. Xi delegazzjonijiet daħħlu riżerva ta' skrutinju negattiv dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni rigward id-dħul mit-taxxa (Artikolu 1 (3) - Artikolu 5a ġdid tad-Direttiva). Wara l-laqgħa, il-Presidenza kkonkludiet li rapport tal-progress ikun l-iktar xieraq bħala bażi għal diskussjoni fil-Kunsill.

IV. KONKLUŻJONIJIET

11. Il-Presidenza tikkunsidra li l-progress tajjeb li sar irriżulta fi tnaqqis ulterjuri tat-tħassib tal-Istati Membri, filwaqt li fl-istess ħin żamm l-għanijiet ewlenin tal-Kummissjoni.
- a) Sabiex jiġu evitati effetti sekondarji mhux intenzjonati, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kiri ta' vetturi rreġistrati fi Stati Membri oħra mill-impriżi tagħhom stess għal 30 ġurnata kull sena kalendarja u/jew għal 25 % tal-flotta tal-vetturi. Permezz ta' dan il-perijodu minimu qasir, għandu jkun possibbli li jiġu salvagwardjati r-regoli nazzjonali dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u tiġi evitata l-erożjoni tat-taxxa. Possibbiltà li jiġi limitat il-kiri ta' vetturi kummerċjali ħfief għal operazzjonijiet proprji ta' trasport iżżid salvagwardja oħra. Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ komprensiv tal-impatt fuq id-dħul mit-taxxa, ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni jista' jiġi estiż għal dan l-aspett.
- b) Sabiex jiġi żgurat li l-użu ta' vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor ma jiġix abbużat biex jiġu evitati r-regoli tal-aċċess għas-suq, il-vetturi għandhom ikunu fornuti bil-kopja awtentika ċertifikata tal-liċenzja Komunitarja, meta meħtieġa skont ir-Regolament 1072/2009. Barra minn hekk, l-Istati Membri ser ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar in-numri tar-reġistrazzjoni tal-vetturi mikrija permezz tal-interfaċċa tal-UE tar-reġistri elettroniċi nazzjonali, ERRU. Fid-dawl tal-fatt li s-sistema tal-ERRU ser tiġi riveduta fir-Regolament 1071/2009 (Artikolu 16)³, il-kompromess fih obbligu li tinżied informazzjoni dwar in-numru ta' reġistrazzjoni ta' vetturi mikrija fir-reġistru nazzjonali.

³ Ara l-approċċ ġenerali dwar il-proposta li tirrigwarda r-Regolament 1071/2009, dokument 15084/18, p. 16.

12. Il-Preżidenza tinnotta li ħafna delegazzjonijiet enfasizzaw il-konnessjoni mal-fajls ewlenin tal-ewwel pakkett ta' mobilità. Din ir-rabta fiha żewġ aspetti: l-ewwel, teknikament, fil-bżonn li jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri biex jittejjbu l-monitoraġġ u l-kontroll; u t-tieni, f'termini tad-dibattitu politiku ġenerali dwar l-aċċess għas-suq u r-restrizzjonijiet tiegħu. Il-Parlament Ewropew adotta pożizzjonijiet fl-ewwel qari dwar il-fajls kollha kkonċernati. Il-Kunsill stabbilixxa approċċ ġenerali għal tliet proposti tal-ewwel pakkett ta' mobilità,⁴ iżda fuq il-proposta tal-vetturi mikrija għadu le. Il-Preżidenza tinnotta wkoll li filwaqt li d-delegazzjonijiet ġeneralment jirrikonoxxu l-importanza ta' din ir-rabta, huma esprimew opinjonijiet differenti dwar il-ħin xieraq biex nimxu 'l quddiem fuq dan il-fajl, jew b'mod parallel mal-fajls l-oħra jew bħala pass sussegwenti.
13. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota tal-progress li sar fuq il-fajl.
-

⁴ Ara dokument 15084/18.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ tipprevedi livell minimu ta' ftuħ tas-suq għall-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (verżjoni kodifikata) (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

- (2) L-użu ta' vetturi mikrija jista' jnaqqas l-ispejjeż ta' impriżi li jittrasportaw merkanzija fisimhom jew fisem ħaddieħor, u fl-istess ħin iżid il-flessibilità operattiva. Għalhekk, dan jista' jagħti kontribut għal żieda fil-produttività u fil-kompetittività tal-impriżi kkonċernati. Barra minn hekk, peress li hemm it-tendenza li l-vetturi mikrija jkunu inqas antiki mill-flotta medja, dawn ukoll ikunu aktar sikuri u jniġġsu inqas.
- (3) Id-Direttiva 2006/1/KE ma tippermettix li l-impriżi jibbenefikaw bis-sħiħ mill-vantaġġi li jgħib miegħu l-użu ta' vetturi mikrija. Dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jirrestrinġu l-użu mill-impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom ta' vetturi mikrija b'piż mgħobbi permissibbli massimu ta' mhux aktar minn sitt tunnelli għal operazzjonijiet tat-trasport fisimhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jippermettu l-użu ta' vettura mikrija fuq it-territorji rispettivi tagħhom jekk il-vettura tkun ġiet irreġistrata jew tkun iddaħħlet fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri l-vettura.
- (4) Sabiex l-impriżi jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod aħjar mill-vantaġġi tal-użu ta' vetturi mikrija, jenħtieġ li jkollhom il-possibilità li jużaw vetturi mikrija fi kwalunkwe Stat Membru, u mhux biss f'dak li fih ikunu stabbiliti. Dan kieku jagħmilha aktar faċli għalihom biex b'mod partikolari jlaħħqu maż-żieda fid-domanda temporanja jew staġjonali, tul perjodu qasir, jew biex jissostitwixxu vetturi difettużi jew bil-ħsara.
- (4a) Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jirrestrinġu fit-territorji rispettivi tagħhom l-użu ta' vettura mikrija minn impriża stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, dment li l-vettura tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru u, jekk tkun vettura li teħtieġ kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja tal-Komunità skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, tkun awtorizzata li tintuża mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża permezz ta' din il-kopja awtentika ċċertifikata.

- (5) Il-livell ta' tassazzjoni fuq it-trasport bit-triq għadu jvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni. Għaldaqstant, ċerti restrizzjonijiet, li jaffettwaw ukoll b'mod indirett il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-kiri ta' vetturi, jibqgħu ġustifikati sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fiskali. Bħala riżultat ta' dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jillimitaw it-tul ta' żmien li fih l-imprezzi stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom jistgħu jużaw vettura mikrija rreġistrata jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni fi Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li huma jitħallew jillimitaw l-għadd ta' tali vetturi li jinkrew minn imprezza stabbilita fit-territorji rispettivi tagħhom.
- (5a) Sabiex jittejjeb l-infurzar ta' restrizzjoni fuq l-użu ta' vettura mikrija li tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni f'konformità mal-liġijiet ta' Stat Membru għajr dak li fih tkun stabbilita l-imprezza li tikri, jenħtieġ li Stat Membru jitħalla jitlob li t-tul tal-kuntratt tal-kiri ma jaqbiżx it-tul ta' żmien permess għall-użu tal-vettura kkonċernata. Barra minn hekk, il-validità tal-kopji awtentiċi ċċertifikati tal-liċenzja tal-Komunità maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tista' tkun limitata għall-perijodu li jikkorrispondi mat-tul tal-kuntratt tal-kiri. Barra minn hekk, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura mikrija jista' jkun indikat fuq dawn il-kopji awtentiċi ċċertifikati.
- (5b) Jenħtieġ li ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi mikrija ma tkunx ta' xkiel għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-legalità tal-operazzjonijiet li jsiru mill-operaturi fl-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009, jenħtieġ li l-operaturi jinfirmaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti bin-numru ta' reġistrazzjoni ta' kull vettura bil-mutur għad-dispożizzjoni tagħhom, sabiex din l-informazzjoni tkun tista' tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali. Dak ir-Regolament jipprevedi l-aċċessibilità għad-data li tinsab fir-reġistri nazzjonali elettroniċi mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra; jenħtieġ li r-reġistri nazzjonali elettroniċi jippermettu tfittxija mmirata fir-rigward tal-vetturi b'numru ta' reġistrazzjoni għajr dawk maħruġa mill-Istat Membru ta' stabbiliment.

- (5c) Sabiex jiġi żgurat li l-obbligu li tingħata informazzjoni dwar in-numru ta' reġistrazzjoni ta' vettura mikrija fir-reġistru elettroniku nazzjonali jiġi rrispettat b'mod uniformi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mar-reqwiziti minimi għad-data li għandha tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.
- (6) Sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport f'isimhom jitwettqu b'mod aktar effiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jitħallewx jirrestrinġu l-possibbiltà li vetturi mikrija jintużaw għal operazzjonijiet ta' dan it-tip. Madankollu, biex jevitaw kwistjonijiet fiskali potenzjali, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jillimitaw l-użu għal operazzjonijiet ta' trasport għall-kont proprju ta' vettura b'massa massima mgħobbija permessibbli ta' mhux aktar minn 3.5 tonnelli jekk tkun reġistrata barra mill-Istat Membru tal-istabbiliment li jkun qiegħed jużaha.
- (7) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni u tiddokumentahom f'rapport. Ir-rapport għandu jagħti attenzjoni speċjali għal jekk din id-Direttiva rriżultatx fl-użu ta' vetturi eqdem jew ta' ċerti tipi ta' vetturi u b'hekk kellhiex effett fuq is-sikurezza fit-toroq u jekk kellhiex diffikultajiet b'rabta mal-infurzar, inkluż l-infurzar tar-regoli dwar il-kabotaġġ. Jenħtieġ li kull azzjoni futura f'dan il-qasam tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' dak ir-rapport.
- (8) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri wehdom iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, minħabba n-natura transfruntiera tat-trasport bit-triq u l-kwistjonijiet li din id-Direttiva għet maħsuba biex tindirizza, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà skont kif ġie stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.
- (9) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 2006/1/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

⁸ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Artikolu 1

Id-Direttiva 2006/1/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza introdutturja tinbidel b'dan li ġej:

"Kull Stat Membru għandu jippermetti li fit-territorju tiegħu jintużaw vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor sakemm:";

(ii) il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-vettura tkun reġistrata jew tiddaħħal fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru u użata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 u (KE) Nru. 1072/2009 fl-Istat Membru tal-istabbiliment li jkun qiegħed jużaha, fejn applikabbli.".

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom ikunu jistgħu jużaw vetturi mikrija għat-trasport tal-merkanzija bit-triq taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għall-vetturi li jkunu proprjetà tagħhom, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.
2. Meta l-vettura mikrija tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża jista':
 - a) jillimita ż-żmien tal-użu tal-vettura mikrija fit-territorju rispettiv tiegħu dment li jippermetti l-użu tal-vettura mikrija mill-istess impriża għal perijodu ta' 30 jum konsekuttiv fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari; f'dan il-każ jista' jkun meħtieġ li l-kuntratt tal-kiri ma jdumx aktar mil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Istat Membru;

- b) jillimita l-għadd ta' vetturi mikrija li jistgħu jintużaw minn impriża dment li jippermetti l-użu ta' għadd minimu ta' vetturi. Dan l-għadd minimu huwa mill-inqas 25 % tal-flotta tal-vetturi tal-merkanzija proprjetà tal-impriża fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel it-talba għal awtorizzazzjoni għall-użu tal-vettura mikrija. F'każ li impriża jkollha flotta ġenerali ta' aktar minn vettura waħda u inqas minn erba' vetturi, għandu jkun permess l-użu ta' mill-inqas waħda minn tali vetturi mikrija;
- c) jillimita l-użu ta' tali vettura b'massa massima mgħobbija permessibbli ta' mhux aktar minn 3.5 tunnelli għal operazzjonijiet ta' trasport għall-kont proprju."

(2a) jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

"Artikolu 3a

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-informazzjoni dwar in-numru ta' reġistrazzjoni ta' vettura mikrija tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti minimi biex id-data tiddaħħal fir-reġistru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 5b(2)."

(3) jiddaħħlu l-Artikoli 5a u 5b li ġejjin:

"Artikolu 5a

Sa mhux aktar tard minn [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data kkalkulata ħames snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-użu tal-vetturi mikrija fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri l-vettura. Ir-rapport għandu jeżamina wkoll l-impatti fuq is-sikurezza fit-toroq [, fuq id-dħul mit-taxxa] u fuq l-infurzar tar-regoli dwar il-kabotaġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta huwiex meħtieġ li jiġu proposti miżuri addizzjonali.

Artikolu 5b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 165/2014 tal- 4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."

Artikolu 2

3. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar minn [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data kkalkulata [24] xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha]. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President